MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 12 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 29 ta' April 2010 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jame Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Frederick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camilla Scerri | CS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

12.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 11 gew approvati kif moqrija wara li kien hemm xi korezzjonijiet.

12.2 Arrising Out: Ma kienx hemm minhabba li whud mis-suggetti kien hemm item fl-Agenda.

12.3 Inqrat il-Korrispondenza ta' Batch 8 u 9 fosthom:

- 12.3.1 Ittra mill-Mepa dwar l-iskedar tal-kollona bis-salib;
- 12.3.2 Ittra ta' Grezzju Patinott dwar talba biex nahfru xi kontravenzjonijiet – kellna niktbu it-talba lit-Tribunal Lokali
- 12.3.3 Talba ghal-laqgha ma Brian Bonnici dwar attivita fl-ghid – nsejhu laqgha mieghu
- 12.3.4 Talba ghal Vin d'Hounor – Qbilna li naghtuh permezz b'xi kundizzjonijiet
- 12.3.5 Kienet saret sejha ghal fondi Ewropej ghal progetti reletati ma l-Ambjent . Kellna napplikaw u nissottumetu l-interess taghna.
- 12.3.6 Ittra mis-Socjeta San Guzepp dwar talba ghal sponsorship – Kellna insejhu laqgha maghhom

12.4 Tindief ta' Triq il-Vapuri

- 12.4.1 Kien hemm qbil biex johrog tender biex jibda jitnadfu it-toroq (i)Triq il-Vapuri, (ii) Triq Ghajn Hammam u parti minn Triq Gharreqin.

12.5 Konferenza Brussels

- 12.5.1 Il-kunsill qabel li jattendi ghal laqgha tal "Convenant of Mayors" li kienet ser isir fi Brussel bejn 03 u 05 ta' Mejju. Waqt din il-laqgha kien ser jigi iffirmat "Il-patt tas-Sindki" u ghaliha kienu ser jattendu PS, JD u FA.

12.6 Mawra Zaragoza

- 12.6.1 Ma kienx hemm zvilup dwar il-mawra . hlief li inghataw id-dettalji ta' kif ser nivvjagaw u d-dati tat-tluq

12.6.2 Clare Camilleri infurma lil-Kunsill li hija ma tistax tinghaqad mad-delegazzjoni li sejra Zaragoza.

12.7 Update Terminus Karozzini

12.7.1 Kienet giet sottomessa l-applikazzjoni lil Mepa mil-Perit tal-Kunsill, Is-Sur Karm Farrugia

12.8 Tarmak triq il-Ferrovija

12.8.1 Saret diskussjoni dwar il-possibilta li l-Kunsill jidhol fi progett biex jiksi bit-Tarmak triq il-Ferrovija. Ma kienx hemm decizzjoni , izda PS kellhu jara jekk hemmx xi fondi specjali li jistghu jintuzaw ghal dan il-progett.

12.9 Affarijiet Ohra

12.9.1 PSM informa lil Kunsill li Simon u James Galea Testaferrata kien irrifundjaw is-somma ta' €500 mill-hlas li hallasna ghal kiri tal-Palazzo Mangion.

12.9.2 PSM informa lil Kunsill li kienet saret laqgha ma Agent lokali ta' Kumpanija Barranija li riedet taghmel attivita b'risk il-komunita tal-Imdina. Kienet saret proposta dwar xi xoghol fil-Playing Field u possibilta ta' LIbrerija zghira fl-Ufficcju tal-Kunsill.

12.9.3 Kellna laqgha ma Sur Mark Cousin (Europe Direct) dwar assistenza tal-Kumpanija tieghu li jassistu lil Kunsill biex japplika ghal-Fondi mill-Ewropa fuq diversi progetti. Europe Direct kienu qablu li jghinu il-Kunsill minghajr hlas, pero huma jkunu inkarigai mill-immanigjar ta' progetti jekk jinkisbu l-fondi

12.9.4 Kien beda ix-xoghol ta' trangar tal-Paviment tat-toroq tal-Imdina. Ix-xoghol qed isir mill-haddiema tal MRRA taht is-supervizzjoni ta' Joe Borda

12.9.5 Is-Sur Norbert Gatt , Manager tar-Restoration Unit kien informa lil kunsill li beda ix-xoghol fuq ir-restawr ta' Casino Notabile. L-ewwel fazi kienet tikkonsisti fi studju tal-pedimenti u ic-caqlieq sotteranju

12.9.6 Kellna ninfurmaw lil kuntrattur inkarigat miz-zamma tal-Gonna ta' Howard biex il-Hedges jinqataw aktar qosra minhabba ragun ta'sigurta

12.9.7 Kienet tlestiet is-sejha ghal-offerti biex jithejja studju ghal SEAP (Sustainable Energy Action Plan ) ghal Mdina. L-avviz kien ser jkun publikat fil-jiem li gejjien u l-offerti jintlaqghu sal-25 ta' Mejju 2010

12.9.8 PS kellhu jigbor informazzjoni dwar possibilta li nsibu xi offerta tajba dwar l-uzu tal-Mobiles ghal Kunsillieri kollha .

12.9.9 Giet diskussa il-hsara li kien qed issir lil paviment tat-toroq tal-Imdina min naghal tal-Karozzini. Kien hemm qbil li naghmlu laqgha mal-operaturi fejn ninfurmawhom li konna ser ninfurzaw il-ligi dwar il-htiega li n-naghal ikun tal-lastiku.

12.9.10 Kien hemm qbil li niktbu lil Kapitlu tal-Katidral biex jirrangaw ir-rampa li hemm biswiet iz-zuntier tal-Katidarl meta kien ed isir ix-xoghol f'Palazzo Depiro

12.9.11 Saret diskuzzjoni dwar nuqqas ta' l-immanigjar tat-traffiku fi pjazza Mario Galea Testaferrata . Kien hemm qbil biex nitolbu lil kumpanija tal-Gwardjani lokali biex tigi mwahhla Kamera biex jieqfu l-abbuzi.

12.9.12 Kien hemm qbil biex naghmlu harga Kulturali nhar is-Sibt 28 ta' Mejju. PS kellhu jara jekk hemmx il-possibilta li naghmlu mawra f'Villa Fransija f'Hal- Lija

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra il-laqgha giet aggornata fil 5.30 pm sine die.

| | |
|---|---|
| ___________________ | ________________ |
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |